31990R2343

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2343/90

ta' l-24 ta' Lulju 1990

dwar l-aċċess għat-trasportaturi bl-ajru għal rotot ta' servizz bl-ajru intra-Komunitarji skedati u dwar it-tqassim tal-volum ta' passiġġieri bejn trasportaturi bl-ajru fuq servizzi skedati bl-ajru bejn Stati Membri

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi huwa importanti li jkunu adottati miżuri bl-għan li progressivament ikun stabbilit is-suq intern ma tul perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992, bħal ma hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 8a tat-Trattat; billi s-suq intern intern għandu jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fihom il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huma assigurati;

Billi d-Deċiżjoni 87/602/KEE ([4]) għamlet l-ewwel pass lejn il-liberalizzazzjoni fir-rigward tat-tqassim tal-volum tal-passiġġieri u l-aċċess għas-suq, li hija meħtieġa biex jintlaħaq is-suq intern fit-trasport bl-ajru; billi l-Kunsill qabel li jieħu aktar miżuri ta' liberalizzazzjoni fit-tmiem tal-perjodu inizjali ta' tliet snin;

Billi huwa meħtieġ li jkunu implementati l-prinċipji li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-Istati tar-reġistrazzjoni u t-trasportaturi bl-ajru li huma liċenzjati fit-territorju tagħhom sa l-1 ta' Lulju 1992 fuq il-bażi ta' speċifikazzjonijiet u kriterji komuni;

Billi arranġamenti għal kooperazzjoni akbar dwar l-użu ta' l-ajruport ta' Ġibiltà kienu ġew miftiehma f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987 mir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit f'dikjarazzjoni konġunta mill Ministri ta' l-Affarijiet Barranin taż-żewġ pajjiżi, u li dawn l-arranġamenti għad iridu jidħlu fis-seħħ;

Billi l-iżvilupp tas-sistema tat-traffiku bl-ajru fil-Ġżejjer Griegi u fil-Gżejjer ta' l-Atlantiku tiġbor fiha ir-reġjun awtonomu ta' l-Azores preżentament mhix adegwata u għal din ir-raġuni l-ajruporti li jinsabu fuq dawn il-gżejjer għandhom temporanjament ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

Billi l-infrastruttura fl-ajruport ta' Porto għadha qiegħda tiġi mkabbra biex tkun tista' tilħaq mat-tkabbir fis-servizzi skedati; billi, b'konsegwenza, dak l-ajruport għandu temporanjament ikun eskluż mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa kemm l-espansjoni ta' din l-infrastruttura tkun twettqet;

Billi huwa meħtieġli jsiru dispożizzjonijiet speċjali, permezz ta' ċirkustanzi illimitati, għall-servizzi bl-ajru fuq rotot ġodda bejn l-ajruporti reġjonali u għall-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku li huma meħtieġa għaż-żamma ta' servizzi lejn ċerti ajruporti reġjonali;

Billi ż-żieda fl-aċċess lejn is-suq għandha tistimula l-iżvilupp tas-settur tat-trasport bl-ajru fil-Komunità u jagħti bidu għal titjib fis-servizzi lejn l-utenti; billi bħala konsegwenza huwa meħtieġ li jkunu introdotti dispożizzjonijiet aktar liberali li jikkonċernaw id-denominazzjoni multipla, it-tielet, ir-raba', u l-ħames libertà tad-drittijiet tat-traffiku;

Billi, meta jittieħed akkont tal-problemi li jirrigwardjaw l-infrastruttura u l-għajnuniet navigazzjonali ta' l-ajruport u d-disponibbiltà ta' spazju (*slots*), huwa meħtieġ li jkunu inklużi ċerti limitazzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tad-drittijiet tat-traffiku;

Billi l-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku għandhom ikunu konsistenti mar-regoli li jirrigwardaw is-sigurtà, il-protezzjoni ta' l-ambjent, l-allokazzjoni ta' spazju u l-kondizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess lejn ajruport u għandu jkun ittrattat mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità;

Billi regoli bilaterali li jikkonċernaw l-ishma ma humiex kompatibbli mal-prinċipji tas-suq intern li għandu jkun imwettaq sa l-1993 fis-settur tat-trasport bl-ajru; billi għalhekk ir-restrizzjonijiet bilaterali għandhom ikunu mnaqqsa gradwalment;

Billi huwa speċjalment importanti li jkun inkuraġġit l-iżvilupp tas-servizzi inter-reġjonali sabiex ikun żviluppat il-qafas tal-Komunità u biex jikkontribwixxi lejn soluzzjoni għall-problema ta' konġestjoni f'ċerti ajruporti kbar; billi għalhekk, huwa xieraq li jkun hemm regoli aktar liberi f'dak li għandu x'jaqsam mas-sehem tal-volum ta' dawn is-servizzi;

Billi invista ta' l-importanza relattiva għal uħud mill-Istati Membri ta' traffiku mhux-skedat rigward it-traffiku skedat, huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri biex inaqqsu l-impatt tiegħu fuq l-opportunitajiet tat-trasportaturi ta' l-Istati Membri li jirċievu traffiku bħal dan; billi l-miżuri li għandhom jittieħdu m'għandhomx ikunu mmirati lejn il-limitazzjoni tat-traffiku mhux skedat jew li jkun soġġett għal regolazzjoni;

([1]) ĠU C 258, tal-11.10.1989, p. 6; u ĠU C 164, tal-5.7.1990, p. 11.
([2]) ĠU C 96, tas-17.4.1990, p. 65.
([3]) ĠU C 112, tas-7.5.1990, p. 17.
([4]) ĠU C 374, tal-31.12.1987, p. 19.

Billi, meta jittieħed akkont tas-sitwazzjoni kompetittiva tas-suq, dispożizzjoni għandha ssir biex ma tħallix li jkun hemm effetti ekonomiċi mhux ġustifikabbli fuq it-trasportaturi bl-ajru;

Billi dan ir-Regolament jieħu post id-Direttiva 83/416/KEE ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/463/KEE ([2]), u d-Deċiżjoni 87/602/KEE; billi huwa għalhek meħtieġ li tkun revokata dik id-Direttiva u dik id-Deċiżjoni;

Billi huwa mixtieq li l-Kunsill jadotta aktar miżuri ta' liberalizzazzjoni, inklużi l-kabotaġġ f'dak li jirrigwarda l-aċċess għas-suq u s-sehem tal-volum sat-30 ta' Ġunju 1992,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

L-Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jikkonċerna:

(a) l-aċċess għas-suq għat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità;

(b) it-tqassim fil-volum tal-passiġġieri bejn it-traportatur(i) bl-ajru liċenzjat(i) fi Stat Membru wieħed u t-trasportatur(i) bl-ajru liċenzjat(i) fi Stat Membru ieħor fuq servizzi skedati bl-ajru bejn dawn l-Istati.

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà huwa mifhum li huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit f'dak li jirrigwardja l-kwistjoni dwar is-sovranità dwar it-territorju li fih jinsab l-ajruport.

3. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà għandu jkun sospiża kemm l-arranġamenti tad-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 ikunu saru operabbli. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit għandhom hekk jinfurmaw lill-Kunsill f'dik id-data.

4. L-ajruporti fil-gżejjer Griegi u fil-gżejjer ta' l-Atlantiku li jinkludu r-reġjun awtonomu ta' l-Azores għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sat-30 ta' Ġunju 1993. Sa kemm ma jkunx mod ieħor deċiż mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, din l-eċċezzjoni għandha tapplika għal perjodu ieħor ta' ħames snin u tista tibqa' għall-ħames snin ta' wara.

L-ajruport ta' Porto għandu jkun eżentat mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 1992. Din id-deroga għandha tkun imneħħija malli r-Repubblika Portugiża tiddikjara li l-kondizzjonijiet ekonomiċi ta' l-ajruport ikunu tjiebu.

Għal dan il-għan, ir-Repubblika Portugiża għandha tinforma lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) trasportatur bl-ajru tfisser impriża tat-trasport bl-ajru b'liċenzja operattiva valida minn Stat Membru biex topera servizzi skedati bl-ajru;

(b) id-dritt tat-traffiku tat-tielet libertà tfisser id-dritt ta' trasportatur bl-ajru liċenzjat fi Stat wieħed li jħott, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, passiġġieri, merkanzija u posta miġbura fl-Istat li fih ikun liċenzjat;

id-dritt tat-traffiku tar-raba' libertà tfisser id-dritt ta' trasportatur bl-ajru liċenzjat fi Stat wieħed li jgħabbi, fit-territorju ta' Stat ieħor, passiġġieri, merkanzija u posta biex jinħattu fl-Istat li fih ikun liċenzjat;

id-dritt tat-traffiku tal-ħames libertà tfisser id-dritt ta' trasportatur bl-ajru li jwettaq it-trasport bl-ajru ta' passiġġieri, merkanzija u posta bejn Stati apparti milli mill-Istat li fih ikun liċenzjat;

(ċ) L-istati kkonċernati tfisser l-Istati Membri li bejniethom isservizz skedat bl-ajru ikun operat;

(d) L-istat tar-reġistrazzjoni tfisser l-Istat Membru li fih il-liċenzja msemmija fil-paragrafu (a) tkun maħruġa.

(e) Trasportatur bl-ajru tal-Komunità tfisser:

(i) trasportatur bl-ajru li għandu u jibqa' jkollu ċ-ċentru amministrattiv tiegħu u l-post ewlieni tan-negozju fil-Komunità, li l-maġġoranza ta' l-ishma tiegħu huma, u jibqgħu ikunu miżmuma minn Stati Membri u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri u li hu, u li jibqa' jkun, effettivament ikkontrollat minn dawk l-Istati jew persuni; jew

(ii) trasportatur bl-ajru li, fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, għalkemm ma jkunx jissodisfa d-definizzjoni stabbilita fi (i):

1. jew ikollu l-amministrazzjoni ċentrali tiegħu u l-post ewlieni tan-negozju fil-Komunità u li kien jipprovdi servizzi bl-ajru skedati jew mhuxskedati fil-Komunità ma tul it-12-ilxahar preċedenti għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament;

2. jew li kien jipprovdi servizzi skedati bl-ajru bejn Stati Membri fuq il-bażi tat-tielet, u r-raba' libertà tad-drittijiet tat-traffiku ma tul it-12-ilxahar preċedenti għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

It-trasportaturi bl-ajru li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'dan il-punt (ii) huma elenkati fl-Anness I;

([1]) ĠU L 237, tas-26.8.1983, p. 19.
([2]) ĠU L 226, tat-3.8.1989, p. 14.

(f) servizzi skedati bl-ajru tfisser serje ta' titjiriet li kull waħda minnhom tippossjedi dawn il-karatteristiċi segwenti kollha:

(i) tgħaddi minn spazju ta' l-ajru fuq territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed;

(ii) hija mwettqa minn ajruplan għat-trasport tal-passiġġieri jew tal-passiġġieri u l-merkanzija u/jew tal-posta għal remunerazzjoni, b'tali mod li fuq kull titjira l-postijiet disponibbli għal xiri individwali mill-membri tal-pubbliku (jew direttament mingħand it-trasportatur bl-ajru jew minn wieħed mill-aġenti awtorizzati tiegħu);

(iii) hija operata hekk li sservi t-traffiku bejn l-istess żewġ punti jew jew aktar, jew:

1. skond tabella tal-ħin ippubblikata; inkella

2. b'titjiriet hekk regolari jew frekwenti li dawn jikkostitwixxu serje sistematika rikonoxxibbli;

(g) titjira tfisser tluq minn ajruport speċifikat lejn ajruport speċifikat tad-destinazzjoni;

(h) denominazzjoni multipla fuq il-bażi ta' par-ta'-pajjiżi tfisser id-denominazzjoni minn Stat tar-reġistrazzjoni ta' żewġ trasportaturi bl-ajru jew aktar liċenzjati minnu biex joperaw servizzi skedati bl-ajru bejn it-territorju tiegħu u dak ta' Stat Membru ieħor;

(i) denominazzjoni multipla fuq il-bażi ta' par-ta'-bliet tfisser id-denominazzjoni minn Stat tar-reġistrazzjoni ta' żewġ trasportaturi bl-ajru jew aktar liċenzjati minnu biex joperaw servizzi skedati bl-ajru bejn ajruport jew sistema ta' ajruporti u ajruport jew sistema ta' ajruporti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

(j) ajruport reġjonali tfisser kwalunkwe ajruport apparti minn dak elenkat fl-Anness II bħala ajruport tal-kategorija I;

(k) sistema ta' ajruporti tfisser żewġ ajruporti jew aktar miġbura flimkien hekk li jservu l-istess belt, kif indikat fl-Anness II;

(l) il-volum għandu jkun espress bħala numru ta' postijiet offruti lejn il-pubbliku ġenerali fuq servizz skedat bl-ajru ma tul perjodu partikolari;

(m) sehem tal-volum tfisser is-sehem ta' Stat Membru espress bħala perċentwali tal-volum totali ikkalkolat bi qbil ma l-Artikolu 11 f'relazzjoni bilaterali ma Stat Membru ieħor, eskluż il-volum ipprovdut mis-servizzi tal-ħames libertà;

(n) obbligazzjoni ta' servizz pubbliku tfisser kwalunkwe obbligazzjoni imposta fuq trasportatur bl-ajru li jieħu, f'dak li jirrigwarda kwalunkwe rotta li hu jkun liċenzjat li jopera minn Stat Membru, il-miżuri kollha meħtieġa biex jassigura li l-provvediment ta' servizz ikun jissodisfa n-normi stabbiliti ta' kontinwità, regolarità u volum, liema normi t-trasportatur ma kienx jidħol għalihom li kieku kien ikun biss iqis l-interessi kummerċjali tiegħu.

Relazzjonijiet bejn l-Istati tar-reġistrazzjoni u t-trasportaturi bl-ajru tagħhom

L-Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa r-relazzjoni bejn Stat Membru u t-trasportaturi bl-ajru li huma liċenzjati minn dak l-Istat rigward l-aċċess tas-suq u s-sehem tal-volum.

2. Il-Kunsill għandu jadotta, għall-implimentazzjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1992 fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni li tikkonċerna speċifikazzjonijiet u kriterji komuni, li għandha tkun ippreżentata mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 1991, regoli li jirregolaw il-liċenzjar tat-trasportaturi bl-ajru u l-liċenzjar tar-rotot.

Id-drittijiet tat-traffiku tat-tielet, u r-raba' libertà

L-Artikolu 4

Bla ħsara għall-dan ir-Regolament, it-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità għandhom ikollhom il-permess tat-tielet u r-raba' libertà tas-servizzi bl-ajru bejn ajruporti jew sistemi ta' ajruporti fi Stat Membru wieħed u ajruporti jew sistemi ta' ajruporti fi Stat Membru ieħor meta dawn l-ajruporti jew sistemi ta' ajruporti jkunu miftuħa għat-traffiku bejn Stati Membri jew għal servizzi internazzjonali.

Relazzjonijiet bejn Stat Membru u t-trasportaturi bl-ajru ta' l-Istati Membri l-oħra

L-Artikolu 5

1. Soġġett għall-Artikolu 6, Stat Membru għandu jawtorizza trasportaturi bl-ajru liċenzjati fi Stat Membru ieħor li jkunu ġew awtorizzati mill-Istat tagħhom tar-reġistrazzjoni, biex

– jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tat-tielet, u r-raba' libertà kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 4,

– jużaw, fi ħdan il-Komunità, l-istess numru ta' titjira għal-libertà ta' għaqda tat-tielet, u r-raba' libertà ta' servizzi.

2. Meta t-trasportatur bl-ajru ta' Stat Membru wieħed ikun ġie liċenzjat bi qbil ma' dan l-Artikolu biex jopera servizz skedat bl-ajru, l-Istat tar-reġistrazzjoni ta' dak it-trasportatur bl-ajru m'għandu jqajjem l-ebda oġġezzjoni għal xi applikazzjoni għall-introduzzjoni ta' servizz skedat bl-ajru fuq l-istess rotta minn trasportatur bl-ajru ta' l-Istat l-ieħor ikkonċernat.

3. (a) Stat Membru, wara konsultazzjonijiet ma' l-Istati l-oħra kkonċernati, jista' jimponi obbligazzjoni ta' servizz pubbliku f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi bl-ajru

lejn ajruport reġjonali fit-territorju tiegħu fuq rotta li hija meqjusa bħala vitali għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun li fih l-ajruport ikun lokalizzat, sal-limitu meħtieġ biex jassigura fuq dik ir-rotta provvediment adegwat ta' servizzi bl-ajru li jissodisfaw in-normi stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, volum u prezzijiet, liema normi t-trasportaturi ma kenux jassumu kieku kellhom jikkunsidraw biss l-interessi kummerċjali tagħhom.

(b) L-adegwatezza tas-servizzi tat-trasport bl-ajru għandhom ikunu eżaminati billi:

(i) jitqies l-interess pubbliku;

(ii) titqies il-possibbiltà li jkun hemm użu ta' tipi oħrajn ta' trasport u l-abbiltà ta' dawk it-tipi li jlaħħqu mal-ħtiġiet tat-trasport permezz ta' dawk il-konsiderazzjonijiet;

(iii) jitqiesu n-nollijiet ta' l-ajru u l-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu ikkwotati lejn l-utenti.

(ċ) Bla ħsara għall-paragrafu 2, Stat Membru mhux obbligat li jawtorizza aktar minn trasportatur wieħed biex iservi rotta li dwarha tkun tapplika l-obbligazzjoni ta' servizz pubbliku, basta li d-dritt li jopera dak is-servizz ikun offrut b'offerta pubblika għal perjodu sa massimu ta' tliet snin lejn kwalunkwe trasportatur bl-ajru b'liċenzja operattiva maħruġa fl-Istati kkonċernati u lejn kwalunkwe trasportatur bl-ajru tal-Komunità li, bi qbil ma' l-Artikolu 8, huwa intitolat li jeżerċita d-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà fuq dik ir-rotta. Is-sottomissjonijiet magħmula mit-trasportaturi bl-ajru għandhom ikunu kkomunikati lejn l-Istati l-oħra kkonċernati u lejn il-Kummissjoni.

(d) Is-subparagrafu (ċ) m'għandux japplika fi kwalunkwe każ li fih l-Istat Membru l-ieħor konċernat jipproponi mezzi alternattivi sodisfaċenti tat-twettiq ta' l-obbligazzjoni ta' l-istess servizz pubbliku.

(e) Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal rotot b'volum ta' aktar minn 30 000 post kull sena.

4. Bla ħsara għall-paragrafu 2, Stat Membru, li jkun awtorizza trasportatur bl-ajru wieħed liċenzjat minnu biex jopera servizz tal-passiġġieri fuq rotta ġdida bejn ajruporti reġjonali b'ajruplan ta' mhux aktar minn 80 post, mhux obbligat li jawtorizza servizz bl-ajru reċiproku għall-perjodu ta' sentejn, basta li dan ma jkunx operat minn ajruplan ta' mhux aktar minn 80 post, jew inkella jkun parti minn servizz operat permezz tat-termini ta' l-Artikolu 7 li fih mhux aktar minn 80 post ikunu disponibbli għall-bejgħ bejn iż-żewġ ajruporti reġjonali f'dak il-każ, fuq kull titjira.

5. Fuq it-talba ta' xi Stat Membru li jikkunsidra li l-iżvilupp ta' rotta ikun qiegħed jiġi ristrett bla bżonn permezz tat-termini tal-paragrafi 3 jew 4, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew meta jkun hemm tilwima rigward l-applikazzjoni tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha twettaq investigazzjoni u, fuq il-bażi tal-fatturi relevanti kollha, għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn mill-bidu ta' l-investigazzjoni tagħha dwar jekk il-paragrafu 3 jew 4 għandux jibqa' jkun japplika fir-rigward tar-rotta konċernata.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lejn il-Kunsill u lejn l-Istati Membri. Kwalunkwe mill-Istati Membri jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lejn il-Kunsill fil-limitu ta' żmien ta' xahar. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-perjodu ta' xahar.

Denominazzjonijiet multipli

L-Artikolu 6

1. Stat Membru għandu jaċċetta denominazzjonijiet multipli fuq il-bażi ta' par-ta'-pajjiżi minn Stat Membru ieħor.

2. Għandu wkoll jaċċetta denominazzjonijiet multipli fuq il-bażi ta' par-ta'-bliet:

– mill-1 ta' Jannar 1991, fuq rotot li fuqhom aktar minn 140 000 passiġġier kienu nġarru fis-sena preċedenti, jew li fuqhom ikun hemm aktar minn 800 titjira bir-ritorn ta' kull sena,

– mill-1 ta' Jannar 1992, fuq rotot li fuqhom aktar minn 100 000 passiġġier kienu nġarru fis-sena preċedenti, jew li fuqhom ikun hemm aktar minn 600 titjira bir-ritorn ta' kull sena.

Għaqda ta' punti

L-Artikolu 7

Fl-operazzjoni tas-servizzi skedati bl-ajru lejn jew minn żewġ punti jew aktar fi Stat(i) Membru(Membri) ieħor(oħrajn) apparti milli l-Istat tiegħu tar-reġistrazzjoni, it-trasportatur bl-ajru tal-Komunità għandu jkollu l-permess mill-Istati kkonċernati li jgħaqqad is-servizzi skedati bl-ajru u li juża l-istess numru tat-titjira. Id-drittijiet tat-traffiku bejn il-punti magħquda jistgħu ikunu eżerċitati bi qbil ma' l-Artikolu 8.

Id-drittijiet tal-ħames libertà

L-Artikolu 8

1. It-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità għandhom, bi qbil ma' dan l-Artikolu, ikollhom il-permess li jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà bejn il-punti miġbura flimkien f'żewġ Stati Membri differenti permezz ta' dawn il-kondizzjonijiet segwenti:

(a) id-drittijiet tat-traffiku jkunu eżerċitati fuq servizz li jikkostitwixxi u li huwa skedat bħala estensjoni ta' servizz minn, jew bħala preliminari għal servizz lejn, l-Istat tagħhom tar-reġistrazzjoni;

(b) it-trasportatur bl-ajru ma jistax juża, għas-servizz tal-ħames libertà aktar minn 50 % tal-volum tal-postijiet staġjonali tiegħu fuq l-istess servizz tat-tielet, u tar-raba' libertà li tagħhom is-servizz tal-ħames libertà jikkostitwixxi l-estensjoni jew il-preliminari.

2. (a) It-trasportatur bl-ajru jista', għas-servizz tal-ħames libertà, juża ajruplan li huwa differenti imma mhux akbar mill-ajruplan li hu juża għal servizz tat-tielet, u r-raba' libertà li tagħhom is-servizz tal-ħames libertà ikun estensjoni jew preliminari.

(b) Meta aktar minn servizz wieħed tal-ħames libertà ikun operat bħala estensjoni jew bħala preliminari għal servizz tat-tielet, jew tar-raba' libertà, il-provvediment tal-volum fil-paragrafu 1 (b) għandhom jirrappreżentaw il-miġemgħa tal-volum tal-postijiet disponibbli għall-karreġġjata tal-passiġġieri ta' dawk is-servizzi tal-ħames libertà.

3. Trasportatur bl-ajru li jopera servizz tal-ħames libertà bi qbil ma' dan l-Artikolu għandu jforni, fuq talba ta' l-Istat Membru involut bl-informazzjoni relevanti kollha li tikkonċerna:

(a) il-volum staġjonali tal-postijiet fis-servizz tat-tielet, u r-raba' libertà li tagħhom is-servizz tal-ħames libertà jikkostitwixxi l-estensjoni jew il-preliminari; u

(b) fil-każ tas-servizzi tal-ħames libertà li dwarhom japplika l-Artikolu 8(2)(b), il-volum staġjonali utilizzat fuq kull servizz.

Kondizzjonijiet għall-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku

L-Artikolu 9

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jirregolaw, mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità, id-distribuzzjoni tat-traffiku bejn l-ajruporti f'sistema ta' ajruporti.

L-Artikolu 10

1. Bla ħsara għall-Artikolu 5(2), l-eżerċitar tar-drittijiet tat-traffiku huwa soġġett għar-regoli ippubblikati tal-Komunità, nazzjonali, reġjonali jew lokali rigward is-sigurtà, il-protezzjoni ta' l-ambjent jew dwar l-allokazzjoni tas-siltiet, u dwar il-kondizzjonijiet segwenti:

(a) l-ajruport jew is-sistema ta' l-ajruporti kkonċernati għandhom ikollhom faċilitajiet suffiċjenti biex jakkomodaw is-servizz;

(b) l-għajnuniet tan-navigazzjoni għandhom ikunu suffiċjenti biex jakkomodaw is-servizz.

2. Meta l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma jkunux milħuqa, Stat Membru jista', mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità, jimponi kondizzjonijiet fuq, jillimita jew jirrifjuta l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet tat-traffiku. Qabel ma jieħu miżura bħal dik, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u jipprovdiha bl-elementi ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 u bl-eċċezzjoni tal-ftehim ta' l-Istat(i) Membru (Membri) l-oħra kkonċernati, Stat Membru m'għandux jawtorizza trasportatur bl-ajru:

(a) li jistabbilixxi servizz ġdid; jew

(b) li jżid il-frekwenza ta' servizz eżistenti

bejn ajruport speċifiku fit-territorju tiegħu u Stat Membru ieħor għal tul ta' dak iż-żmien li fih trasportatur bl-ajru liċenzjat minn xi Stat Membru ieħor ma jkollux il-permess, fuq il-bażi tal-paragrafi 1 u 2, li jistabbilixxi servizz ġdid jew li jżid il-frekwenzi fuq servizz eżistenti lejn l-ajruport f'dak il-każ, sa kemm issehħ l-adozzjoni mill-Kunsill u sa kemm jidħol b'effett Regolament dwar il-Kodiċi ta' l-imġieba dwar l-allokazzjoni ta' siltiet ibbażati fuq il-prinċipju ġenerali ta' non-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

4. Fuq it-talba ta' xi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 u/jew tal-paragrafu 3 fi kwalunkwe każ partikolari u fi żmien xahar tiddeċiedi jekk l-Istat Membru jkunx jista jkompli japplika l-miżura.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lejn il-Kunsill u lejn l-Istati Membri. Kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lejn il-Kunsill fil-limitu ta' żmien ta' xahar. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista jieħu deċiżjoni differenti fil-perjodu ta' xahar.

L-ishma tal-volum

L-Artikolu 11

1. Mill-1 ta' Novembru 1990, Stat Membru għandu jippermetti lil Stat Membru ieħor li jżid is-sehem tiegħu tal-volum għal xi staġun bi 7,5 punti perċentwali mqabbla mas-sitwazzjoni matul l-istaġun korrispondenti preċedenti, b'hekk ikun miftiehem li kull Stat Membru jista' fi kwalunkwe każ li jitlob sehem tal-volum ta' 60 %.

2. Il-Kunsill għandu jadotta, għall-implimentazzjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993, u fuq il-bażi ta' proposta

mill-Kummissjoni li għandha tkun ippreżentata sal-31 ta' Diċembru 1991, dispożizzjonijiet biex ineħħi r-restrizzjonijiet dwar l-ishma tal-volum bejn l-Istati Membri.

3. Il-limitazzjoni ta' l-ishma tal-volum m'għandhomx japplikaw dwar servizz bejn ajruporti reġjonali irrispettivament mill-volum tal-postijiet fl-ajruplan.

4. Fl-applikazzjoni tal-paragrafu 1, tnaqqis unilaterali fil-volum ta' postijiet m'għandux ikun meqjus. F'każi bħal dawn, il-bażi tal-kalkolazzjoni ta' l-ishma tal-volum tal-postijiet għandha tkun il-volum ta' postijiet offruti fl-istaġuni korrispondenti preċedenti mit-trasportatur(i) bl-ajru ta' l-Istat(i) Membru(Membri) li kien(u) naqqas(naqqsu) il-volum tal-postijiet tiegħu(tagħhom).

Artikolu 12

1. Fuq it-talba ta' xi Stat Membru li dwaru l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11 tkun wasslet għal ħsara finanzjarja serja għat-trasportatur(i) liċenzjat(i) minn dak l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni u, fuq il-bażi tal-fatturi relevanti kolha, inkluża s-sitwazzjoni tas-suq, il-pożizzjoni finanzjarja tat-trasportatur(i) bl-ajru kkonċernat(i) u l-utilizzazzjoni milħuqa tal-volum tal-postijiet, għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk l-ishma tal-volum tal-postijiet fuq ir-rotot lejn u minn dak l-Istat għandux ikun stabbilizzat ma tul perjodu limitat.

2. Fuq it-talba ta' Stat Membru li s-servizzi bl-ajru skedati tiegħu huma esposti għal kompetizzjoni sostanzjali minn servizzi mhux skedati u meta sitwazzjoni tkun teżisti li biha l-opportunitajiet għat-trasportaturi ta' dak l-Istat Membru li effettivament jikkompetu fis-suq ikunu effettwati aktar milli meħtieġ, il-Kummissjoni, wara li tkun eżaminat il-fatturi relevanti kolha, inkluża s-sitwazzjoni fis-suq u l-kapaċità ta' l-utilizzazzjoni milħuqa, u wara li tkun ikkonsultat lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati, għandha fi żmien xahrejn minn meta tirċievi t-talba, tiddeċiedi jekk is-7,5 punti perċentwali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 11(1) għandhomx ikunu mnaqqsa għal dik ir-relazzjoni bilaterali.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lejn il-Kunsill u lejn l-Istati Membri. Kwalunkwe mill-Istati Membri jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lejn il-Kunsill fil-limitu ta' żmien ta' xahar. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-perjodu ta' xahar.

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 13

1. Dan ir-Regolament m'għandux ifixkel lill-Istati Membri milli jikkonkludu bejniethom l-arranġamenti li huma aktar flessibli milli minn dawk tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6, 8 u 11 jew milli jkomplu jżommu l-arranġamenti eżistenti bħal dawk.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu użati biex jagħmlu l-aċċess għas-suq eżistenti jew l-arranġamenti tal-volum tal-postijiet aktar restrittivi.

L-Artikolu 14

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament darba kull sentejn u għall-ewwel darba mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 1992.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment f'dak li jirrigwardja l-ġbir ta' l-informazzjoni għar-rapport li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1.

3. Informazzjoni kunfidenzjali akkwistata fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun koperta bis-sigriet professjonali.

L-Artikolu 15

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament sat-30 ta' Ġunju 1992 l-aktar tard, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni li għandha tkun ippreżentata sal-31 ta' Mejju 1991.

L-Artikolu 16

Id-Deċiżjoni 87/602/KEE u d-Direttiva 83/416/KEE huma b'ħekk irrevokati.

L-Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1990.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

C. MANNINO

L-ANNESS I

It-trasportaturi bl-ajru li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2(e)(ii)

It-trasportaturi bl-ajru segwenti jilħqu il-kriterji li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2(e)(ii) sa kemm dawn ikunu rikonoxxuti bħala trasportaturi nazzjonali mill-Istat Membru li hekk jirrikonoxxihom fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament:

— Scandinavian Airlines System,

— Britannia Airways,

— Monarch Airlines.

L-ANNESS II

Lista ta' ajruporti tal-kategorija 1

IL-BELĠJU:	Brussels-Zaventem
ID-DANIMARKA:	Copenhagen-Kastrup/Roskilde
IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA:	Frankfurt-Rhein-Main, Düsseldorf-Lohausen, Munich-Riem
SPANJA:	Palma-Mallorca, Madrid-Barajas, Malaga, Las Palmas
IL-GREĊJA:	Athens-Hellinikon, Salonica-Micra
FRANZA:	Paris-Charles De Gaulle/Orly
L-IRLANDA:	Dublin
L-ITALJA:	Rome-Fiumicino/Ciampino, Milan-Linate/Malpensa
L-OLANDA:	Amsterdam-Schiphol
IL-PORTUGAL:	Lisbona, Faro
IR-RENJU UNIT:	London-Heathrow/Gatwick/Stansted, Luton